4. Peress li, f'termini ta' numri, fl-ambitu tal-Programm Erasmus, jaslu fil-Pajjiżi l-Baxxi iktar studenti meta mqabbla mal-istudenti Olandiżi li jagħżlu li jwettqu ċ-ċiklu sħiħ ta' studju barra minn pajjiżhom, u peress li lil dan l-aħħar grupp ta' studenti minflok l-"OV-studentenkaart" tingħatalu "għajnuna għat-taħriġ esportabbli", fl-ammont ta' EUR 89,13 fix-xahar (valur tal-2013), fl-aħħar mill-aħħar, huma biss l-istudenti barranin fil-Pajjiżi l-Baxxi li ma jirċievu ebda forma ta' assistenza jew vantaġġ fil-forma ta' "OV-studentenkaart". Skont il-Kummissjoni, dan jikkostitwixxi forma ta' diskriminazzjoni diretta fis-sens tal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri.

5. Peress li sal-lum ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għadu ma adottax il-miżuri kollha neċessarji sabiex tintemm id-differenza fit-trattament irriżervata għall-istudenti barranin fir-rigward tal-possibbiltà li jibbenefikaw mill-biljetti għat-trasport pubbliku għall-istudenti (l-hekk imsejħa "OV-studentenkaart"), il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 8 TFUE (moqri flimkien mal-Artikoli 20 u 21 TFUE) kif ukoll l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38/KE.

(1) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEETest b'rilevanza għaż-ŻEE. (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fit-2 ta' Ġunju 2014 – Skatteverket vs David Hedqvist**

**(Kawża C-264/14)**

(2014/C 245/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

## Qorti tar-rinviju

Högsta förvaltningsdomstolen

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Skatteverket

*Konvenut:* David Hedqvist

## Domandi preliminari

1) L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-VAT (1), għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tranżazzjonijiet fil-forma li ġiet deskritta bħala l-kambju ta' munita virtwali lejn munita tradizzjonali u viċe versa, imwettaq għal korrispettiv li jiżdied mill-fornitur meta tiġi kkalkulata r-rata tal-kambju, jikkostitwixxu provvisti ta' servizzi mwettqa bi ħlas?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun pożittiva, l-Artikolu 135(1) għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tranżazzjonijiet ta' kambju kif deskritti iktar 'il fuq huma eżentati?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).